BANK ĊENTRALI EWROPEW
EUROSISTEMA

# Reazzjoni fuq il-kontenut provdut mill-Parlament Ewropew bħala parti mir-riżoluzzjoni tiegħu fuq ir-Rapport Annwali tal-BĊE għall-2015

Ir-Rapport Annwali tal-BĊE għall-2015 ġie preżentat mill-Viċi President tal-BĊE fis-7 ta' April 2016 f'sessjoni speċifika tal-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji.[1] Lejn tmiem is-sena, fil-21 ta' Novembru, il-President tal-BĊE attenda d-dibattitu plenarju tal-Parlament fuq ir-Rapport Annwali.[2] Il-jum ta' wara, is-sessjoni plenarja adottat ir-riżoluzzjoni tagħha fuq ir-Rapport Annwali tal-BĊE għall-2015 (minn hawn 'il quddiem "ir-riżoluzzjoni").[3]

Fl-okkażjoni tat-trażmissjoni tar-Rapport Annwali tal-BĊE għall-2016 lill-Parlament Ewropew, il-BĊE qiegħed jipprovdi r-reazzjoni tiegħu fuq il-kontenut provdut mill-Parlament Ewropew bħala parti mir-riżoluzzjoni tiegħu.[4] Din ir-reazzjoni qiegħda ssir pubblikament skont il-prattika li bdiet is-sena l-oħra bi tweġiba għal talba tal-Parlament Ewropew.[5] Dan huwa eżempju ieħor tal-impenn tal-BĊE għar-responsabbiltà, u jmur lil hinn mir-rekwiżiti tat-Trattat.

## 1 Il-politika monetarja tal-BĊE

### 1.1 L-effikaċja tal-miżuri tal-BĊE

Ir-riżoluzzjoni tiddiskuti l-effikaċja tal-miżuri tal-politika monetarja li ħa l-BĊE u l-impatt tagħhom fuq il-kundizzjonijiet tal-finanzjament fiż-żona tal-euro f'bosta artikoli, fosthom fil-paragrafi 11, 12, 13, 15 u 17.

---

1 Ara https://www.ecb.europa.eu/press/key/date/2016/html/sp160407_1.en.html

2 Ara https://www.ecb.europa.eu/press/key/date/2016/html/sp161121_1.en.html

3 It-test tar-riżoluzzjoni kif ġiet adottata jinsab fis-sit tal-Parlament Ewropew http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?type=TA&reference=P8-TA-2016-0433&language=EN&ring=A8-2016-0302

4 Din ir-reazzjoni ma tkoprix il-kwistjonijiet li tqajmu fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew li għandhom x'jaqsmu mas-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE u mal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku. Għal diskussjoni fuq dawn it-temi, ara r-Rapport Annwali tal-BĊE fuq l-attivitajiet superviżorji https://www.bankingsupervision.europa.eu/ecb/pub/pdf/ssmar2016.en.pdf u r-reazzjoni li takkumpanja l-ittra ta' trażmissjoni https://www.bankingsupervision.europa.eu/ecb/pub/pdf/170317_coverletter_ecb_ar_on_supervisory_activities_2016en.pdf

5 Ara l-paragrafu 23 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Frar 2016 dwar ir-Rapport Annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew għall-2014 li tinsab hawn http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//NONSGML+TA+P8-TA-2016-0063+0+DOC+PDF+V0//EN

**Il-BĊE jqis li l-kundizzjonijiet finanzjarji tal-kumpaniji u l-individwi fiż-żona tal-euro tjiebu kemm ilu li beda l-programm tal-akkwist ta' assi (APP)[6] u l-operazzjonijiet speċifiċi ta' rifinanzjament għal żmien itwal (TLTROs).[7]** Dan it-titjib kien sinifikanti u wassal għal irkupru mdaqqas fis-self lill-kumpaniji u l-individwi fiż-żona tal-euro, billi l-ispejjeż tas-self komplew jonqsu drastikament. L-ispejjeż tas-self mill-banek għall-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (NFCs) naqsu b'madwar 115-il punt bażi bejn Mejju 2014 u Frar 2017, filwaqt li d-dispersjoni ta' dawn l-ispejjeż fiż-żona tal-euro naqset b'mod sinifikanti.[8] Dan it-titjib fil-kundizzjonijiet tas-self huwa kruċjali biex jgħin il-pjanijiet ta' nfiq addizzjonali tal-individwi u l-kumpaniji, billi l-istruttura finanzjarja taż-żona tal-euro kollha tistrieħ l-iżjed fuq il-banek.

**Fir-rigward tal-enfasi tar-riżoluzzjoni fuq il-kundizzjonijiet finanzjarji għal impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), ta' min jinnota li l-SMEs b'mod partikolari bdew igawdu miż-żieda fit-trażmissjoni tar-rati tal-politika minn meta ħareġ il-pakkett għall-faċilitazzjoni tal-kreditu f'Ġunju 2014.** Minn din id-data sa Frar 2017, ir-rati tas-self bankarju fuq self żgħir ħafna (taħt €250,000, li jitqiesu bħala *proxy* għal self lill-SMEs) naqsu b'madwar 180 punt bażi, filwaqt li r-rati tas-self bankarju fuq is-self kollu lill-NFCs naqsu b'madwar 115-il punt bażi (u dawk fuq self kbir lill-NFCs, i.e. ta' iżjed minn €1 miljun, naqsu b'madwar 90 punt bażi).[9] Madankollu, differenzi strutturali, pereżempju minħabba profili tar-riskju differenti u informazzjoni asimmetrika, jimplikaw rati tas-self ogħla għall-SMEs milli għall-kumpaniji l-kbar.

**Il-BĊE ma jaqbilx mat-tħassib tar-riżoluzzjoni fir-rigward tal-effetti ta' distorsjoni tal-programm ta' akkwist mis-settur korporattiv (CSPP) għall-SMEs.** Sabiex jinkludi kemm jista' jkun kumpaniji inkorporati fiż-żona tal-euro, il-kriterji ta' eliġibbiltà tas-CSPP tfasslu b'mod wiesa' (e.g. m'hemmx ammont minimu ta' ħruġ, strumenti tad-dejn b'terminu qasir eliġibbli). Barra minn hekk, billi s-CSPP ġab kundizzjonijiet tajbin fis-swieq tal-bonds għall-kumpaniji l-kbar, dawn qegħdin jitħajru jiksbu iżjed finanzjament mis-swieq tal-bonds u l-banek qegħdin ikollhom inċentiv jużaw il-wisa' li jinħoloq fil-karti tal-bilanċ biex jipprovdu self lill-SMEs.

**Il-miżuri tal-politika tal-BĊE taw sehemhom għal titjib sinifikanti fil-kundizzjonijiet tal-finanzjament bankarju.** Dan seħħ b'mod speċjali b'żewġ mezzi. L-ewwel, l-istrumenti tal-finanzjament bankarju kienu fost il-kategoriji ta' assi li batew minn kompressjoni sostanzjali fir-renditi b'terminu medju sa twil. Dan kien sostnut

---

6 L-APP jiġbor fih il-programmi kollha li fihom jiġu akkwistati titoli mis-settur privat u mis-settur pubbliku biex jindirizzaw ir-riskji ta' perjodu twil iżżejjed ta' inflazzjoni baxxa. L-APP jiġbor fih i) it-tielet programm ta' xiri ta' bonds garantiti (CBPP3); ii) il-programm ta' xiri ta' titoli koperti b'assi (ABSPP); iii) il-programm ta' xiri mis-settur pubbliku (PSPP); u iv) il-programm ta' xiri mis-settur korporattiv (CSPP). L-akkwist nett ta' titoli mis-settur privat u mis-settur pubbliku jammonta għal bejn wieħed u ieħor €80 biljun fix-xahar (minn Marzu 2015 sa Marzu 2016 iċ-ċifra medja kienet ta' €60 biljun fix-xahar). Minn April 2017 l-akkwist se jkun bejn wieħed u ieħor ta' €60 biljun fix-xahar. Għal iżjed tagħrif ara https://www.ecb.europa.eu/mopo/implement/omt/html/index.en.html

7 It-TLTROs huma waħda mill-miżuri straordinarji tal-politika monetarja tal-BĊE. Permezz tat-TLTROs il-BĊE jipprovdi self fit-tul lill-banek u joffrilhom inċentiv biex iżidu s-self tagħhom lin-negozji u l-konsumaturi fiż-żona tal-euro. Għal iżjed tagħrif ara https://www.ecb.europa.eu/explainers/tell-me/html/tltro.en.html

8 Għal aċċess dirett għall-istatistika miġbura, ara https://www.euro-area-statistics.org/

9 Ara n-nota 8 hawn fuq.

mill-effetti tar-ribilanċjament tal-portafolli bl-akkwist tal-assi tal-Eurosistema[10] u mill-effetti ta' skarsezza minħabba li l-banek naqqsu l-ħruġ ta' bonds, li setgħu jiffinanzjaw ruħhom bit-TLTROs. It-tieni, il-banek komplew jibdlu l-finanzjament mis-suq b'terminu qasir u iżjed għali b'finanzjament mit-TLTROs (u, barra minn hekk, użaw l-opzjoni biex jibdlu t-TLTRO-I mat-TLTRO-II li kien orħos). It-titjib fil-kundizzjonijiet tal-finanzjament bankarju influwenza kundizzjonijiet finanzjarji iżjed wesgħin u, eventwalment, it-tkabbir ekonomiku u l-inflazzjoni.

**Il-BĊE jieħu nota tal-kwistjoni li tqajmet fir-riżoluzzjoni li huwa importanti wkoll li wieħed jeżamina l-impatt potenzjali tal-karatteristiċi bankarji fuq il-mekkaniżmu ta' trażmissjoni.** Il-BĊE provda analiżi fuq dan l-aspett speċifiku tal-mezz tas-self bankarju, partikolarment fuq il-frammentazzjoni.[11] Filwaqt li l-mekkaniżmu tat-trażmissjoni monetarja, li huwa magħmul minn bosta mezzi,[12] kien imfixkel b'mod sinifikanti u kważi ma baqax jiffunzjona f'għadd ta' pajjiżi fil-qofol tal-kriżi, il-miżuri straordinarji tal-BĊE taw sehemhom biex jiżblukkaw it-trażmissjoni fost grupp kbir ta' pajjiżi u fost karatteristiċi bankarji differenti. It-trażmissjoni mir-rati tal-politika għar-rati tas-self għall-individwi u l-impriżi issa saret iżjed ekwa, wara li wriet differenzi sinifikanti fl-ewwel ftit snin tal-kriżi finanzjarja.

## 1.2 Implimentazzjoni tal-politika monetarja

Il-paragrafu 4 tar-riżoluzzjoni jiffoka fuq l-istruttura tal-inċentivi tat-TLTRO-II u jitfa' dubji fuq kemm hija effikaċi.

**Il-bidla fl-istruttura tal-inċentivi tat-TLTRO-II (imqabbla mal-ewwel serje ta' TLTROs) hija maħsuba biex tħajjar il-banek jgħaddu lis-selliefa aħħarin il-kundizzjonijiet ta' finanzjament rikonċiljatorji li toffri.** Ir-rekwiżit tar-ripagament mandatorju tneħħa u minfloku żdied mekkaniżmu ta' inċentivi fuq il-prezzijiet. Bħal fl-ewwel serje ta' TLTROs, is-serje l-ġdida tagħżel bejn banek li jinsabu fit-triq tad-diżingranaġġ (*deleveraging*) u dawk li qegħdin ikabbru l-kotba tas-self tagħhom. Għall-ewwel grupp, il-*benchmarks* tas-self huma negattivi (biex jiffaċilitaw l-urġenzi tad-diżingranaġġ li għandhom ma' wiċċhom dawn il-banek) iżda jimplikaw li l-banek jeħtiġilhom inaqqsu r-rata tad-diżingranaġġ tagħhom bin-nofs sabiex jilħqu l-*benchmark* tagħhom. Għalhekk iridu juru titjib konsiderevoli fix-xejriet tas-self

---

10 Il-BĊE jakkwista assi mis-settur privat u mis-settur pubbliku minn investituri bħal fondi tal-pensjoni, banek u individwi. Dawn l-investituri jistgħu jagħżlu li jiġbru l-fondi li jirċievu bi bdil mal-assi li jkunu biegħu lill-BĊE u jinvestuhom f'assi oħra. Billi jżid id-domanda għall-assi b'mod ġenerali, dan il-mekkaniżmu ta' ribilanċjament tal-portafolli jgħolli l-prezzijiet u jbaxxi r-renditi, anki għal assi li ma jkunux fil-mira diretta tal-APP. Għal iżjed tagħrif ara https://www.ecb.europa.eu/explainers/tell-me-more/html/app.en.html

11 Ara Altavilla, C., Canova, F. u Ciccarelli, M., "Mending the broken link: heterogeneous bank lending and monetary policy pass-through", *Working Paper Series*, Nru 1978, BĊE, Novembru 2016; Holton, S. u Rodriguez d'Acri, C, "Jagged cliffs and stumbling blocks: interest rate pass-through fragmentation during the euro area crisis", *Working Paper Series*, Nru 1850, BĊE, Settembru 2015; Durré, A., Maddaloni, A. u Mongelli, F.P., "The ECB's experience of monetary policy in a financially fragmented euro area", *Comparative Economic Studies*, Vol. 56, pp. 296-423, 2014.

12 Għal deskrizzjoni u illustrazzjoni skematika tal-mezzi ta' trażmissjoni ewlenin tad-deċiżjonijiet tal-politika monetarja, ara https://www.ecb.europa.eu/mopo/intro/transmission/html/index.en.html

tagħhom meta jitqabblu mar-rekord li kellhom qabel. Dan jaqbel għalkollox man-natura speċifika tal-istrument.[13]

Fil-paragrafu 16 tar-riżoluzzjoni hemm tħassib ukoll fir-rigward tal-assi mhux negozjabbli u t-titoli koperti b'assi (ABSs) offruti bħala kollateral lill-Eurosistema fil-qafas tal-operazzjonijiet ta' rifinanzjament tagħha.

**Il-BĊE jieħu nota tal-kwistjoni li tqajmet fir-riżoluzzjoni u t-talba biex jiġi żvelat liema banek ċentrali aċċettaw ABSs u klejms tal-kreditu kif ukoll biex jiġu żvelati l-metodi ta' valutazzjoni fir-rigward ta' dawn l-assi.** B'mod ġenerali, il-BĊE jipprova jtejjeb kontinwament it-trasparenza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-politika monetarja tiegħu. F'dan ir-rigward, pereżempju, fl-2016 il-BĊE tella' fil-websajt tiegħu deskrizzjonijiet qosra kronoloġiċi tal-bażi tad-dejta tal-assi eliġibbli.[14] Madankollu, bħala prinċipju, il-BĊE ma jipprovdix dejta fuq l-operazzjonijiet tal-politika monetarja ta' pajjiżi individwali. Din il-politika għandha l-għan ewlieni li tiggarantixxi l-kunfidenzjalità tad-dejta tal-kontropartijiet, u dan huwa rilevanti partikolarment għal pajjiżi b'għadd żgħir ta' kontropartijiet, fejn tagħrif fuq pajjiżi individwali jista' jwassal biex jinġibdu konklużjonijiet fuq ir-rikors għall-operazzjonijiet tal-politika monetarja ta' kontropartijiet individwali. Barra minn hekk, jekk jiġi żvelat liema banek ċentrali aċċettaw ABSs u klejms tal-kreditu, dan ma jwassal għal ebda konklużjoni fir-rigward tal-effikaċja tal-implimentazzjoni tal-politika monetarja tal-Eurosistema. Lanqas ma jwassal għal konklużjonijiet fir-rigward tal-livell tar-riskji meħudin mill-banek ċentrali nazzjonali rispettivi fi ħdan il-qafas stabbilit tal-kondiviżjoni tar-riskji. Ta' min ifakkar li l-Eurosistema tapplika regoli omoġenji fuq l-eliġibbiltà, il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskju għall-kontropartijiet kollha taż-żona tal-euro.

**L-Eurosistema dejjem aċċettat firxa wiesgħa ta' kollateral fl-operazzjonijiet ta' kreditu tagħha għal raġunijiet storiċi u strutturali.** Sabiex tieħu ħsieb ir-riskji inerenti (tal-kreditu, tas-suq u tal-likwidità) ta' dawn it-tipi ta' assi, l-Eurosistema teħtieġ għadd ta' kriterji ta' eliġibbiltà dettaljati, fosthom standards minimi tal-kwalità tal-kreditu u *haircuts* tal-valutazzjoni gradati, li jqisu r-riskji marbutin ma' assi differenti minħabba t-tip (il-kategorija ta' *haircut*), il-maturità residwa u l-kwalità tal-kreditu tagħhom. L-Eurosistema teżamina regolarment il-qafas tal-kontroll tar-riskju u f'dan l-ambitu aġġornat l-iskeda tal-*haircuts* f'Jannar 2017 u introduċiet b'mod partikolari *haircuts* tal-valutazzjoni iżjed granulari għall-ABSs.[15] Fir-rigward tal-klejms tal-kreditu, l-Eurosistema tiggarantixxi mitigazzjoni tar-riskju suffiċjenti, u tapplika *haircuts* iżjed għoljin biex jagħmlu tajjeb għall-fatt li dawn jiġu applikati għal ammonti nominali minħabba n-nuqqas ta' prezzijiet tas-suq osservabbli.

---

[13] Għal iżjed tagħrif fuq il-mekkaniżmu tal-ipprezzar tat-TLTRO-II, illustrazzjonijiet grafiċi ta' kif jaħdem u eżempji stilizzati tal-*benchmarks* tat-TLTRO-II, ara https://www.ecb.europa.eu/pub/pdf/other/eb201603_focus03.en.pdf

[14] Ara https://www.ecb.europa.eu/paym/coll/assets/html/index.en.html

[15] Il-kategoriji tal-*haircuts* tal-assi jiġu stabbiliti mill-kombinazzjoni tat-tip ta' assi u l-grupp tal-emittenti. L-allokazzjoni tal-kategoriji tal-*haircuts* tiġi eżaminata regolarment mill-perspettiva tar-riskju. Il-valuri validi mill-1 ta' Jannar 2017, kif hemm speċifikat fil-qafas ġenerali, jinsabu hawn https://www.ecb.europa.eu/paym/coll/risk/liquidity/html/index.en.html

Fil-paragrafu 20, ir-riżoluzzjoni tindirizza wkoll il-każijiet tal-provediment ta' likwidità lil banek Griegi u Ċiprijotti u l-qafas li jirregola l-provediment ta' assistenza ta' likwidtà f'emerġenza (ELA).

**Fir-rigward tal-provediment ta' likwidità tal-banek ċentrali, il-BĊE jfakkar li stabbilixxa kriterji armonizzati għall-aċċess ta' diversi faċilitajiet.** F'dan l-ambitu, ta' min jagħżel bejn il-provediment ta' likwidità tal-banek ċentrali fis-sura ta' operazzjonijiet regolari tal-politika monetarja tal-Eurosistema u l-provediment ta' likwidità tal-banek ċentrali fis-sura ta' ELA. Għall-iskop tal-operazzjonijiet regolari tal-politika monetarja tal-Eurosistema, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jeħtiġilhom ikunu finanzjarjament sodi. Sabiex tiġi valutata s-solidità finanzjarja ta' istituzzjoni, il-BĊE jqis informazzjoni fuq il-proporzjonijiet tal-kapital, tal-ingranaġġ u tal-likwidità kif rappurtati skont ir-rekwiżiti superviżorji.[16] Fir-rigward tal-ELA, il-proċeduri attwali jipprevedu li l-ELA tista' tiġi provduta lil istituzzjonijiet finanzjarji solventi li jkunu qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' problemi temporanji ta' likwidità, bla ma operazzjoni bħal din tkun parti mill-politika monetarja unika. Għal dan l-iskop, is-superviżur prudenzjali jipprovdi valutazzjoni tas-solvenza tal-istituzzjoni li tirċievi l-ELA, inklużi l-kriterji li jintużaw biex iwasslu għal konklużjoni pożittiva fir-rigward tas-solvenza. Ir-responsabbiltà għall-provediment tal-ELA hija tal-banek ċentrali nazzjonali konċernati. Dan ifisser li l-ispejjeż għall-provediment tal-ELA u r-riskji marbutin magħha jġarrabhom il-bank ċentrali nazzjonali rilevanti.[17]

Il-paragrafu 7 tar-riżoluzzjoni jiddiskuti l-possibbiltà li jikber is-sehem ta' bonds tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) akkwistati mill-BĊE, partikolarment dawk li għandhom x'jaqsmu ma' proġetti infrastrutturali kbar fis-setturi tat-trasport u l-enerġija.

**Fl-ambitu tal-programm tal-akkwist mis-settur pubbliku (PSPP), il-BĊE jixtri bonds tal-gvern irrispettivament mill-intenzjoni ta' finanzjament tal-emittenti, sakemm jiġu sodisfatti l-kriterji kollha ta' eliġibbiltà.** Fl-istess waqt, l-Eurosistema ma tistax tixtri bonds maħruġin minn entitajiet tas-settur pubbliku fis-suq primarju skont l-Artikolu 123 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, il-bonds tal-BEI jistgħu jinxtraw biss fis-suq sekondarju fl-ambitu tal-PSPP u suġġett għall-kriterji tal-eliġibbiltà applikabbli, fosthom il-limiti tal-ħruġ u tal-emittenti. Ta' min jinnota li l-benefiċċji mill-APP mhumiex limitati għat-titoli akkwistati iżda jinfirxu wkoll għal assi oħra (permezz tal-effett ta' ribilanċjament tal-portafolli diskuss iżjed 'il fuq).

Fl-aħħar, ir-riżoluzzjoni tiddiskuti l-bilanċi TARGET2 fil-paragrafu 31.

**Iż-żieda fil-bilanċi TARGET2 mill-aħħar tal-2014 'l hawn hija differenti minn dik osservata matul il-kriżi tad-dejn sovran.** Fil-kriżi tad-dejn sovran, il-provediment ta' likwidità kien misjuq l-iżjed mid-domanda u ż-żieda fil-bilanċi TARGET2 ħabtet maż-żieda fl-istress u l-frammentazzjoni, kif deher f'firxa ta' indikaturi oħra bħad-differenzjali fir-rati tal-imgħax, l-*ispreads* tal-kreditu u l-miżuri tal-volatilità tas-swieq finanzjarji. L-istress u l-frammentazzjoni qawwija wasslu biex nixef il-finanzjament mis-swieq. Il-banek daru fuq l-Eurosistema biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom ta'

[16] Ara l-Artikolu 55a tal-Linja Gwida tal-BĊE 2015/1938 tas-27 ta' Awwissu 2015 (ECB/2015/27) li tinsab hawn https://www.ecb.europa.eu/ecb/legal/pdf/oj_jol_2015_282_r_0010_en_txt.pdf

[17] Għal iżjed tagħrif ara https://www.ecb.europa.eu/mopo/ela/html/index.en.html

likwidità, u dawn ġew moqdija kollha permezz ta’ operazzjonijiet ta’ self b’allokazzjoni sħiħa u rata fissa għal kollateral eliġibbli. Kif il-fondi missellfa minn banek f’pajjiżi vulnerabbli għaddew għand pajjiżi inqas vulnerabbli biex jieħdu post il-finanzjament mitluf mis-swieq, il-bilanċi TARGET2 żdiedu.

**Iż-żieda attwali fil-bilanċi TARGET2 tirrifletti l-injezzjonijiet imdaqqsin ta’ likwidità permezz tal-APP.** Illum, il-provediment ta’ likwidità mill-banek ċentrali huwa misjuq l-iżjed mill-provvista u huwa dovut għall-APP. Meta jimplimentaw il-programm APP, il-banek ċentrali nazzjonali jixtru bonds minn sett ta’ kontropartijiet eliġibbli, li jistgħu jbigħu titoli f’isimhom stess jew jaġixxu ta’ intermedjarji għall-bejjiegħa sottostanti (i.e. is-sidien) tal-bonds. Kull meta dawn l-akkwisti jinvolvu ħlas transkonfinali mill-bank ċentrali nazzjonali, il-bilanċi TARGET2 jistgħu jiġu affettwati. Madwar 80% tal-bonds akkwistati mill-banek ċentrali nazzjonali fl-APP inbiegħu minn kontropartijiet li mhumiex residenti fl-istess pajjiż tal-bank ċentrali li għamel l-akkwist, u madwar nofs l-akkwisti saru minn kontropartijiet li jinsabu barra ż-żona tal-euro. Minħabba l-istruttura finanzjarja taż-żona tal-euro, għadd sinifikanti ta’ kontropartijiet kbar tal-APP huma domiċiljati f’ċentri finanzjarji li jinsabu fi ftit pajjiżi, filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-kontropartijiet barra ż-żona tal-euro għandhom aċċess għas-sistema tal-ħlasijiet TARGET2 permezz ta’ Deutsche Bundesbank. Ir-riżultat huwa li matul l-implimentazzjoni tal-APP, jinħolqu flussi transkonfinali netti kbar ħafna ta’ flus tal-banek ċentrali lejn kontijiet miżmumin fid-Deutsche Bundesbank, u dan iwassal għal tibdil fil-bilanċi TARGET2.[18]

**Lil hinn mill-implimentazzjoni tal-APP, il-bilanċi TARGET2 għadhom għoljin minħabba r-ribilanċjament tal-portafolli u l-istruttura finanzjarja taż-żona tal-euro.** Hekk kif il-bejjiegħa sottostanti jagħmlu forom oħra ta’ investiment jew jakkwistaw titoli oħra, fosthom titoli mhux domestiċi, jinħolqu flussi ta’ likwidità addizzjonali li jistgħu jżommu l-bilanċi TARGET2 għoljin. Għaż-żona tal-euro kollha, sar ribilanċjament lejn titoli tad-dejn li mhumiex taż-żona tal-euro, minħabba li d-differenzjali tar-rati tal-imgħax *vis-à-vis* ekonomiji avanzati oħra baqgħu negattivi b’mod persistenti. L-akkwisti ta’ titoli oħra minn bejjiegħa sottostanti jistgħu jinkludu wkoll ħlasijiet transkonfinali u jwasslu għal flussi ta’ pagamenti lejn ċentri finanzjarji. Barra minn hekk, il-banek li għandhom mudelli tan-negozju li jiġbdu iżjed investimenti b’likwidità tipikament jinsabu f’għadd żgħir ta’ ċentri finanzjarji.

**Għalkemm il-bilanċi TARGET2 qegħdin jikbru, l-evidenza provduta minn firxa ta’ statistika fuq is-swieq finanzjarji u l-banek ma tindikax żieda ġenerali fl-istress.** Dan jirrifletti l-fatt li l-bilanċi TARGET2 fihom infushom mhumiex bilfors indikatur tal-istress. Barra minn hekk, il-bilanċi tal-kontijiet kurrenti f’pajjiżi taż-żona tal-euro li kellhom defiċits kbar fil-kont kurrenti qabel il-kriżi finanzjarja globali saritilhom korrezzjoni sinifikanti f’dawn l-aħħar snin u, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, inbidlu f’serplas. Għalhekk, iż-żieda attwali fil-bilanċi TARGET2 hija differenti mill-iżviluppi osservati matul episodji preċedenti ta’ żidiet fil-bilanċi. Il-BĊE qiegħed

18 L-impatt tas-saldu tal-akkwist ta’ assi fuq il-bilanċi TARGET2 huwa mfisser b’iżjed reqqa fl-*Economic Bulletin* tal-BĊE u fil-*Monthly Report* ta’ Deutsche Bundesbank. Ara l-kaxxa bl-isem “TARGET balances and the asset purchase programme”, *Economic Bulletin*, Ħarġa 7, BĊE, 2016 (https://www.ecb.europa.eu/pub/pdf/other/eb201607_box02.en.pdf) u l-kaxxa bl-isem “The impact of Eurosystem securities purchases on the TARGET2 balances”, *Monthly Report*, Vol. 68, Nru 3, Deutsche Bundesbank, Marzu 2016.

ikompli josserva mill-qrib il-bilanċi TARGET2 kif ukoll l-iżviluppi f'firxa ta' indikaturi li jipprovdu informazzjoni diretta fuq il-livelli tal-istress fis-swieq.

## 2 Il-prospettiva tal-istabbiltà finanzjarja

Il-paragrafi 14, 15 u 18 tar-riżoluzzjoni jiffukaw fuq l-effetti sekondarji li jistgħu jħallu l-miżuri tal-politika monetarja attwali tal-BĊE u l-impatt tagħhom fuq il-prospettiva tal-istabbiltà finanzjarja għaż-żona tal-euro.

**Il-BĊE jirrikonoxxi l-isfidi li qegħdin jiffaċċjaw il-banek, l-assiguraturi u l-fondi tal-pensjoni taż-żona tal-euro iżda jenfasizza wkoll li dawn imorru lil hinn sew mill-impatt iżjed wiesa' tal-politika monetarja tiegħu.** It-tħassib tal-investituri fuq il-prospetti tal-profitabilità huma riflessi fil-volatilità tal-prezzijiet tal-istokks tal-istituzzjonijiet finanzjarji taż-żona tal-euro fl-2016 u fil-bidu tal-2017. Il-prospetti makroekonomiċi jinsabu fil-qalba tal-isfidi ċikliċi tal-profitabilità li qegħdin jiffaċċjaw il-banek billi rażżnu d-domanda għas-self u laqtu l-kwalità tal-kreditu għal min jissellef. L-assiguraturi u l-fondi tal-pensjoni taż-żona tal-euro ħabbtu wiċċhom ma' kurrenti qawwija mill-ambjent tat-tkabbir baxx. Għalhekk, bis-sostenn tal-irkupru ekonomiku u l-istabbiltà tal-prezzijiet, il-politika monetarja rikonċiljatorja qiegħda tagħti sehem importanti għat-tisħiħ tal-ambjent tal-operat għal dawn l-istituzzjonijiet kollha. L-irkupru fis-self bankarju jindika tisħiħ progressiv fis-settur bankarju, u dan huwa rifless ukoll fit-titjib li ħareġ mit-tweġibiet għall-istħarriġ fuq is-self bankarju fiż-żona tal-euro. Madankollu, l-isfidi strutturali għad għandhom sehem sinifikanti. Għall-banek, dawn jinkludu l-istokks ta' self improduttiv (*non-performing loans*), in-nuqqas ta' effiċjenza fl-infiq u/jew l-eċċess ta' kapaċità produttiva, li għadhom jispikkaw f'xi reġjuni u jkomplu jrażżnu l-provvista tal-kreditu. Għall-assiguraturi u l-fondi tal-pensjoni, l-ambjent joħloq il-ħtieġa ta' aġġustamenti fil-mudell tan-negozju tradizzjonali tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja b'mod partikolari.

**Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet makroprudenzjali, ta' min jinnota li r-riskji sistemiċi ċikliċi għadhom kontrollati fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi taħt is-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE u fiż-żona tal-euro kollha.** Għalhekk, u bi qbil mad-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-awtoritajiet nazzjonali, il-Kunsill Governattiv iqis li żieda ġenerali fil-bafers kontroċikliċi tal-kapital għaż-żona tal-euro kollha mhijiex ġustifikata.

**Fuq il-possibbiltà ta' riskji ta' bżieżaq tal-akkomodazzjoni, il-BĊE jqis li dawn huma limitati fir-rigward taż-żona tal-euro, iżda għandhom jintużaw miżuri makroprudenzjali speċifiċi addizzjonali.** F'xi pajjiżi li kienu suġġetti għal twissija mill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) f'Novembru, i.e. l-Awstrija, il-Belġju, il-Finlandja, il-Lussemburgu u n-Nederlands, żviluppi relattivament tajbin fil-proprjetà immobbli jew livelli għoljin tad-dejn tal-individwi f'pajjiżi oħra jindikaw riskju ta' żieda fl-iżbilanċi.[19] Biex jilqa' għar-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-iżbilanċ tas-settur tal-proprjetà immobbli, il-BĊE jqis li għandhom jintużaw miżuri

---

[19] Ara s-sett pubblikat ta' twissijiet tal-BERS lil pajjiżi individwali fuq il-vulnerabbiltajiet b'terminu medju fis-settur tal-proprjetà immobbli residenzjali hawn https://www.esrb.europa.eu/news/pr/date/2016/html/pr161128.en.html

makroprudenzjali speċifiċi addizzjonali u jitlob l-implimentazzjoni ta' oqfsa leġiżlattivi għal miżuri abbażi ta' min jissellef fil-pajjiżi kollha taż-żona tal-euro. Flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u nominati, il-BĊE jkompli josserva b'mod kostanti l-fatturi li jistgħu jirriżultaw f'riskji li jibdew deħlin fis-settur tal-proprjetà immobbli residenzjali. Il-BĊE stabbilixxa proċeduri biex isaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni u b'hekk itejjeb il-valutazzjoni tar-riskju u jħeġġeġ id-diskussjoni fuq l-azzjonijiet ta' politika li jistgħu jittieħdu.

## 3 Kwistjonijiet oħra msemmijin fir-riżoluzzjoni

Il-paragrafi 29 u 30 tar-riżoluzzjoni jirrigwardaw ir-Regolament tal-BĊE dwar il-ġbir ta' dejta granulari fuq il-kreditu u r-riskju tal-kreditu (AnaCredit).[20]

**It-tħassib li jissemma fir-riżoluzzjoni diġà ġie indirizzat mill-BĊE.** Fl-4 ta' Ottubru 2016 il-Kunsill Governattiv approva prinċipji biex ikabbar it-trasparenza fl-iżvilupp tar-regolamenti tal-BĊE fuq l-istatistika Ewropea.[21] Il-prinċipji jqisu l-prattiki ta' trasparenza tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea. Għalhekk, il-BĊE fil-ġejjieni se jagħmel konsultazzjonijiet pubbliċi meta jiżviluppa abbozzi ta' regolamenti ġodda tal-BĊE fuq l-istatistika Ewropea. Barra dan, fl-ambitu tal-proġett AnaCredit, il-prinċipju tal-proporzjonalità jiġi applikat permezz ta' derogi, sħaħ jew parzjali, u l-possibbiltà li titnaqqas il-frekwenza tar-rappurtar (minn xahar għal trimestru) għal istituzzjonijiet ta' kreditu żgħar. Il-BĊE, flimkien mal-banek ċentrali nazzjonali u l-industrija bankarja, żviluppa manwal fuq l-implimentazzjoni armonizzata tar-rekwiżiti previsti fir-Regolament AnaCredit. L-ewwel żewġ partijiet tal-manwal ġew pubblikati fil-websajt tal-BĊE, u t-tielet parti se tiġi pubblikata sa nofs l-2017, madwar sena u nofs qabel ma jibda jsir ir-rappurtar.[22] Barra minn hekk, il-BĊE qiegħed jappoġġa u jaħdem ma' aġenti tar-rappurtar (banek) fuq l-inizjattiva tad-Dizzjunarju tar-Rappurtar Integrat tal-Banek (*Banks Integrated Reporting Dictionary*). L-għan tal-inizjattiva huwa li l-aġenti tar-rappurtar ikollhom għajnuna biex janalizzaw ir-rekwiżiti ta' rappurtar u jiddefinixxu r-regoli għall-ipproċessar ta' dejta meħtieġa biex jintlaħqu dawn ir-rekwiżiti, biċċa xogħol li kieku trid issir minn kull bank individwali. Dan imbagħad jgħin biex jiġi żgurat li d-dejta rappurtata mill-banek lill-awtoritajiet tkun komparabbli u konsistenti, sabiex jonqos kemm jista' jkun il-piż tar-rappurtar għall-banek.[23]

Il-paragrafu 25 tar-riżoluzzjoni jqajjem il-kwistjoni tal-politika tal-BĊE fuq ir-reklutaġġ tal-impjegati.

---

[20] AnaCredit huwa proġett li jistabbilixxi sett ta' dejta armonizzat fl-Istati Membri kollha b'informazzjoni dettaljata fuq is-self minn banek individwali fiż-żona tal-euro. "AnaCredit" tfisser settijiet analitiċi ta' dejta tal-kreditu. Il-proġett beda fl-2011 u huwa maħsub li l-ġbir ta' dejta se jibda f'Settembru 2018. Għal iżjed tagħrif ara https://www.ecb.europa.eu/stats/money_credit_banking/anacredit/html/index.en.html

[21] Għal iżjed tagħrif ara https://www.ecb.europa.eu/stats/ecb_statistics/governance_and_quality_framework/html/transparency_for_ecb_regulations_on_european_statistics.en.html

[22] Għal iżjed tagħrif ara https://www.ecb.europa.eu/stats/money_credit_banking/anacredit/html/index.en.html

[23] Għal iżjed tagħrif ara https://www.ecb.europa.eu/stats/ecb_statistics/reporting/html/index.en.html

**Fir-rigward tat-talba biex il-politika tal-BĊE fuq ir-reklutaġġ tal-impjegati tikkonforma mal-aqwa prattika, il-BĊE huwa tal-fehma li għandu qafas stabbilit tar-riżorsi umani li huwa tajjeb u kompetittiv u se jkompli jagħmel l-almu tiegħu biex itejbu.** Il-fehmiet tal-BĊE fuq l-attributi siewja tal-qafas tar-riżorsi umani tiegħu kif ukoll fuq modi kif dan jista' jkompli jitjieb ġew preżentati lill-Parlament Ewropew fi skambju ta' opinjonijiet li sar għal dan il-għan mal-Kap Uffiċjal għas-Servizzi u d-Direttur Ġenerali għar-Riżorsi Umani tal-BĊE fis-26 ta' Ottubru 2016. B'referenza għall-politika ta' reklutaġġ tiegħu, ta' min jgħid li l-BĊE jagħti importanza kbira lit-tqabbil tal-merti tal-kandidati mar-rekwiżiti tal-kariga u lill-ħatra ta' individwi bl-ogħla livelli ta' kapaċità, effiċjenza u integrità. Għal din ir-raġuni, il-BĊE jispeċifika b'mod trasparenti fl-avviżi tal-impjieg tiegħu l-kompetenzi tekniċi u ta' mġiba li fuqhom jiġu eżaminati l-kandidati, filwaqt li ssir distinzjoni bejn ir-rekwiżiti minimi li jrid ikollhom il-kandidati kollha u rekwiżiti addizzjonali f'termini ta' għarfien jew kompetenza.[24] L-avviżi tal-impjiegi jistqarru wkoll li l-proċedura ta' reklutaġġ tista' tinkludi eżerċizzji preliminari ta' għażla, eżerċizzji bil-kitba, preżentazzjonijiet u intervisti.

[24] Tagħrif ieħor fuq il-metodu ta' impjieg mal-BĊE u fuq l-għodod diversi ta' għażla preliminari jinsab fil-paġni tal-karrieri mal-BĊE hawn http://www.ecb.europa.eu/careers/html/index.en.html